REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 31 ta' 2026, miżmuma nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Clifford Galea Vella | | President |
| Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |
| Paul Vella | Mġarr | Membru |
| Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| Bjorn Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| Dale Hayman | Imtarfa | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| Christopher Deguara | Naxxar | Membru |

## AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 30
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Riżorsi Umani
   - 5.2 Spejjeż relatati mal-bollol, l-istampar tal-ktieb tar-Reġjun u l-kwestjonarju
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-17:30 ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President informa li s-Sindki Stefan Cordina u Dale Hayman talbu li jkunu skużati mill-laqgħa.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.30**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 29 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

Punt 3.16 – Is-Sindku, Perit Censu Galea, ġibed l-attenzjoni li għandu jitniżżel ukoll l-isem tal-avukat, jiġifieri Dr Adrian Sciberras minn Sciberras Advocates.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Norbert Dalli, issekondat mill-Kunsillier Aiken Zerafa, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Ħlasijiet f'isem ARMS Ltd.**

Il-President informa li r-Regjun Tramuntana, apparti li kien preżenti għall-laqgħa u approva li jibda jaċċetta ħlasijiet tal-kontijiet tal-ARMS, iffirma wkoll prokura sabiex l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tkun tista' tinnegozja f'isem ir-Regjun. Dan sar sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' armonizzazzjoni bejn ir-reġjuni u l-kunsilli għal komunita' tar-Reġjun.

### 3.2 Kunċert propost mill-Ensemble St Monica

Il-President informa li, wara d-diskussjoni dwar il-kunċert propost mill-Ensemble St Monica, il-Kunsill jinsab fl-istennija ta' korrispondenza formali relatata mal-avveniment ippjanat għall-21 ta' Ġunju 2026. Il-proposta mistennija tinkludi dettalji dwar il-kollaborazzjoni kulturali u l-użu ta' spazju adattat fir-Reġjun Tramuntana.

### 3.3 Pagamenti dovuti lill Galea Cleaning Solutions

Il-President informa lill-Kunsill li rċieva telefonata mingħand il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, fejn dan ilmenta li kien għadu ma rċeviex il-ħlas għax-xahar ta' Diċembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li xi pagamenti nżammu temporanjament bil-għan li l-kuntrattur jiġi mħeġġeġ jottempora ruħu mal-obbligi tat-tender. Is-Segretarju spjega li waqt laqgħa informali li saret mal-kuntrattur fl-uffiċċju tar-Reġjun—laqgħat li jsiru kważi kull tmiem ix-xahar—il-kuntrattur kien ġie mfakkar biex jirregola ruħu skont l-obbligi kuntrattwali. Dawn jinkludu l-provvista tad-dejta tal-GPS, l-immaniġġjar tal-ilmenti, ir-rotot, il-pjan tax-xogħol aġġornat u l-verifika tal-permessi tal-vetturi.

Minkejja diversi assigurazzjonijiet (li wħud minnhom imorru lura għal Diċembru 2022), il-kuntrattur baqa' ma wettaqx dak li wiegħed. Is-Segretarju żied li anke wara komunikazzjoni mad-Diviżjoni, u fid-dawl tal-fatt li r-Reġjun ma rċieva l-ebda tweġiba jew azzjoni tanġibbli, iż-żamma tal-pagamenti kienet l-aħħar għażla disponibbli. Dan sar bit-tama li r-Reġjun, il-Kunsilli Lokali u l-impjegati rispettivi ma jibqgħux jiffaċċjaw l-istess ilmenti ripetittivi jum wara jum, f'sitwazzjoni fejn ma kien hemm l-ebda titjib jew korrezzjoni f'dawn il-nuqqasijiet.

### 3.4 Aġġornament – Laqgha ma' Hon. Alison Zerafa Civelli u Direttur Ġenerali Emil Vassallo

Il-President irringrazzja lill-membri u lid-delegati li attendew għall-laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu, mal-Hon. Alison Zerafa Civelli u d-Direttur Ġenerali Emil Vassallo, fejn ġew diskussi diversi punti mir-rappreżentanti preżenti.

Kemm id-Direttur Ġenerali kif ukoll is-Segretarju Parlamentari infurmajuna li ser ikunu qed jikkomunikaw mar-Reġjun biex isegwu l-laqgħa.

**3.5 Kwotazzjoni ta' xiri ta' oġġetti – Bnadar uffiċjali li jintużaw ġewwa.**

Ir-Reġjun proċeda bl-ordni ta' tnax-il bandiera għall-uffiċċju tar-Reġjun.

**3.6 Kwotazzjoni ta' xiri ta' oġġetti – Kotba ġodda għall-libreriji tar-Reġjun.**

Wara li nħarġu l-kwotazzjonijiet, inxtraw madwar 350 ktieb (174 u 173 rispettivament) mingħand żewġ fornitur differenti biex jitqassmu lill-libreriji. Kull librerija se tirċievi madwar 50 ktieb.

**3.7 Aġġornament – Tibdil tal-Kċina fl-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun**

Ix-xogħol meħtieġ ġie finalizzat.

**3.8 Aġġornament – Kunsill Lokali Għargħur**

Intbagħtet *reminder* u għadna nistennew risposta.

**3.9 Nasses tat-tiġieġ u l-ħamiem u tal-ġrieden**

Wara li nħarġu l-kwotazzjonijiet, inxtraw seba' gaġġeġ sabiex jinqabdu t-tiġieġ u l-ħamiem, u dawn tqassmu lill-Kunsilli Lokali li talbuhom, fosthom Mosta u Mtarfa.

Il-President fakkar wkoll lill-Kunsilli Lokali li għadhom ma ġabrux in-nases tal-ġrieden sabiex dawn jinġabru mill-uffiċċju tar-Reġjun.

**3.10 Aġġornament** - **-Tibdil u x-xiri ta' VRF air-conditioning system għall-uffiċċju.**

Wara proċedura ta' vetting mill-Monitoring and Support Unit tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, kif ukoll l-approvazzjoni mill-Permanent Secretary, ġejna istruwiti sabiex niksbu wkoll l-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi, li waslet illum stess.

Minħabba l-urġenza tax-xogħol, sar kuntatt mas-supplier u ġie miftiehem li x-xogħlijiet jibdew f'April.

**3.11 Cir AKL 2025/054 Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE**

Il-President informa li flimkien ma’ 42 membru ieħor u mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, saru żjara f’Cagliari sabiex tkompli d-diskussjoni relatata mal-proġett CERV – Town Twinning 2024. Dan il-programm għandu l-għan li jsaħħaħ is-sens ta’ appartenenza taċ-ċittadini tal-komunitajiet tal-gżejjer Mediterranji lejn l-Unjoni Ewropea, filwaqt li jippromwovi kooperazzjoni u skambju ta’ prattiċi tajbin bejn dawn il-komunitajiet. Il-proġett jenfasizza l-isfidi u l-opportunitajiet uniċi li jiffaċċjaw il-gżejjer Ewropej u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tal-livell lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej.

**3.12 San Patrignano study visit 7-10/04/2026 – RIMINI**

Il-President informa li, bħala membru tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ser jipparteċipa f’din l-istudy visit li tirrigwarda l-addiction.

**3.13 Town twinning with Jericho, Palestine**

Il-President informa li rċevejna proposta għal town twinning ma’ Jericho fil-Palestina.

**3.14 Proġett CERV Youth Hubs of Europe project**

Il-President informa li l-ewwel workshop taħt dan il-proġett sar fit-16 u 17 ta’ Marzu. Sfortunatament, il-parteċipazzjoni kienet baxxa ħafna, u għalhekk ser isir aktar sforz sabiex jinġabru aktar parteċipanti għall-attivitajiet li ġejjin.

**3.15 CATALYST 2030**

Catalyst 2030 huwa moviment globali ta’ innovaturi soċjali li jaħdmu flimkien biex jiksbu bidla sistemika u jħaffu l-kisba tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU, permezz ta’ kollaborazzjoni, skambju ta’ prattiċi tajbin u azzjoni kollettiva fuq livell lokali u internazzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu u l-President ser jipparteċipaw f’attività relatata ma’ dan il-proġett f’Seville bejn il-15 u t-18 ta’ April 2026.

**3.16 CIVITAS**

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-proġett CIVITAS, inizjattiva Ewropea li tiffoka fuq soluzzjonijiet sostenibbli għat-trasport urban u t-titjib tal-immaniġġjar tat-traffiku permezz ta’ kollaborazzjoni, skambju ta’ għarfien u proġetti pilota. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li bħala parti mill-proġett se jsiru proġetti pilota relatati mat-traffic management, fejn esperti se janalizzaw id-diffikultajiet u jipprovdu l-fehmiet u l-esperjenza tagħhom. Ġie wkoll indikat li l-esperti ser jiltaqgħu f’Malta bejn il-20 u t-22 ta’ Mejju fil-Salini Resort Hotel, fejn se ssir konferenza u jiġu mibgħuta stedini permezz tal-email għall-reġistrazzjoni.

**3.17 Synergies**

Għat-tielet sena konsekuttiva, r-Reġjun ser jerġa’ jilqa’ lill-partners tiegħu f’Malta għal ġurnata ta’ konferenza li se ssir fis-Seaview Hotel fit-28 ta’ Mejju. Barra minn hekk, ġew ikkonfermati żewġ skejjel fir-Reġjun tagħna sabiex il-partners Taljani jwettqu sessjonijiet ta’ “train the trainer” fis-27 u t-29 ta’ Mejju, fejn se jiġi introdott handbook b’informazzjoni u materjal utli dwar x’għandu jsir f’każ ta’ diżastru naturali.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Riżorsi Umani**

**TALEXIO**

Il-Membri tal-Kunsill Reġjonali qed jiġu infurmati li r-Reġjun Tramuntana, wara riċerka, laqgħat u evalwazzjonijiet interni, ser jakkwista s-software Talexio.

Talexio hija sistema diġitali għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, il-pagi, l-attendenza u l-leave tal-impjegati. Is-sistema tiċċentralizza d-data u ttejjeb il-proċessi amministrattivi relatati.

L-introduzzjoni ta’ din is-sistema mistennija ttejjeb l-effiċjenza operattiva, iżżid l-eżattezza fil-pagi u fir-rapportar, u tnaqqas ix-xogħol manwali, filwaqt li tassigura konformità mar-regolamenti applikabbli.

Dan jirrappreżenta pass ieħor lejn il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni tar-Reġjun.

**5.2 Spejjeż relatati mal-bollol, l-istampar tal-ktieb tar-Reġjun u l-kwestjonarju**

Wara diversi diskussjonijiet dwar il-produzzjoni tal-bollol, din issa waslet biex tiġi kkonfermata, kif ukoll il-produzzjoni tal-ktieb tar-Reġjun.

Barra minn hekk, għaddej ukoll ix-xogħol sabiex jiġi sottomess il-kwestjonarju marbut mas-Social Impact Assessment.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 199 għall-perjodu bejn id-19 ta' Frar 2026 u it-23 ta' Marzu 2026.

L-iskeda ppreżentata ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Gabriel Micallef, issekondata mis-Sindku Perit Ċensu Galea, bi qbil unanimu mill-kumplament tal-membri.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 22 t' April 2026 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

Clifford Galea
President

Bjorn Bonello
Segretarju Eżekuttiv

Approvati illum l-Erbgħa 22 t' April 2026